MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru 1217/2013

Il-Pulizija

(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

Temem Mohammed Ali

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' 33 sena iben Ali u Hadjija mwieled f'Damascus Sirja, ta' nazzjonalita Palestinjana u mwieled nhar l-10 ta' Awissu 1981 akkuzat talli:

1. Fl-10 ta' Dicembru 2013 kif ukoll fil-granet ta' wara u fix-xhur a'qabel , f'Malta, ffalsifika dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu hati tal-akkuzi riportati. Rat l-Artikolu 32(1d) tal-Kap 217, l-Artikolu 183, 184, 189 u 17 tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti kompriza l-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

Tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena mill-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------